KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.7.2006
KUMM(2006)420 finali

2006/0137(ACC)
2006/0138(ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-firma f'isem il-Komunità ta' Protokoll supplimentari għall-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll supplimentari għall-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali- PEKA -

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

I. MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fuq il-bażi ta' direttivi tan-negozjati adottati mill-Kunsill fil-21.9.1992 u ta' deċiżjoni speċifika maħruġa mill-Kunsill f'Ġunju 1997 li tindirizza l-linji ta' gwida lill-Kummissjoni għan-negozju ta' Ftehimiet Ewropej għall-Valutazzjoni tal-Konformità mal-Pajjiżi Ewropej Ċentrali u tal-Lvant, il-Kummissjoni nnegozjat u bdiet protokoll supplimentari għall-Ftehim ta' l-Ewropa mar-Rumanija (**P**rotokoll għall-Ftehim ta' l-**E**wropa dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u **A**pprovazzjoni tal-prodotti industrijali, minn hawn 'il quddiem imsemmija "**PEKA**").

It-test ta' dan il-Protokoll hu mehmuż ma' din il-Komunikazzjoni. Din il-Komunikazzjoni tipprovdi valutazzjoni tal-Protokoll fid-dawl tad-direttivi tan-negozjati approvati mill-Kunsill, u tippproponi li l-Kunsill jawtorizza l-firma tal-Protokoll supplimentari għall-Ftehim ta' l-Ewropa u tiddeċiedi li tapprova l-konklużjoni tiegħu f'isem il-Komunità. Din il-valutazzjoni u dawn il-proposti jixbhu d-dokumenti relevanti għall-PEKAs konklużi mill-Kunsill mar-Repubblika Ċeka, ma' l-Ungerija, mas-Slovenja, mas-Slovakkja, ma' l-Estonja, mal-Latvja, u mal-Litwanja qabel l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea.

I.1 VALUTAZZJONI TAL-FTEHIM

Peress li dan il-ftehim huwa maħsub biex jgħodd biss tul il-perjodu ta' qabel l-adeżjoni, u li ġie offrut qafas legali xieraq mill-Ftehim ta' l-Ewropa, ġie deċiż f'konsultazzjoni mal-Kumitat 133, sabiex dan il-ftehim jiġi adottat bħala Protokoll għall-Ftehim ta' l-Ewropa.

L-abbozz ta' PEKA jsegwi l-prinċipji ġenerali stipulati fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Komunità dwar il-Kummerċ Estern fil-qasam ta' l-istandards u l-Valutazzjoni tal-Konformità [1] skond il-paragrafu 49 tiegħu. Il-PEKA hu ftehim tranżizzjonali, u b'hekk se jintemm ma' l-adeżjoni tal-pajjiżi kandidati.

Il-PEKA jipprevedi l-estenzjoni ta' ċerti benefiċċji tas-Suq Intern f'setturi li diġà ġew armonizzati. B'hekk, il-PEKA jħaffef l-aċċess għas-suq billi jneħħi x-xkiel tekniċi għan-negozju b'ħarsien tal-prodotti industrijali. Għal dan il-għan, il-PEKA jipprovdi żewġ mekkaniżmi,

(a) għall-approvazzjoni reċiproka tal-prodotti industrijali li jissodisfaw il-ħtiġijiet sabiex jitqiegħdu legalment fuq is-suq f'waħda mill-Partijiet, u

(b) l-għarfien reċiproku tar-riżultati tal-Valutazzjoni tal-Konformità tal-prodotti industrijali suġġetti għal-liġi Komunitarja u għal-liġi nazzjonali ekwivalenti.

L-ewwel mekkaniżmu, jiġifieri, l-approvazzjoni reċiproka tal-prodotti industrijali, jikkonferma li l-Artikoli 10.3 u 11.4 tal-Ftehim ta' l-Ewropa mar-Rumanija japplikaw mingħajr restrizzjoni oħra kif imsemmi fl-Artikolu 36 tal-Ftehim ta' l-Ewropa. Din id-dispożizzjoni żżid it-tbassir meħtieġ għall-manufatturi u esportaturi, li tikkonferma bil-quddiem li l-prodotti industrijali skond dan il-mekkaniżmu jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles bejn il-Partijiet. L-Annessi li jħaddmu dan il-mekkaniżmu għad iridu jiġu nnegozjati.

---

[1] COM(1996)564 finali, 13.11.1996.

It-tieni mekkaniżmu hu tip partikolari ta' ftehim ta' għarfien reċiproku (MRA) fejn l-għarfien reċiproku jaħdem fuq is-sisien ta' l-*acquis communautaire.* Jippermetti li prodotti industrijali ċertifikati mill-Entitajiet Notifikati fl-Unjoni Ewropea jitqiegħdu fuq is-suq Rumen mingħajr ma jkollhom jgħaddu minn proċeduri oħra ta' approvazzjoni, u viċi versa. Fil-bidu, dan is-settur biss kien kopert: tagħmir ta' pressjoni.

Ir-Rumanija ħadet f'idejha l-leġiżlazzjoni teknika Komunitarja fis-settur kopert mill-Protokoll u tieħu sehem fl-organizzazzjonijiet Ewropej fil-qasam ta' l-istandards, il-metroloġija, il-laboratorji ta' riċerka u l-akkreditament.

Il-PEKA fih ftehim ta' qafas u annessi kif imsemmija hawn fuq. Deċiżjoni Komunitarja unilaterali li tistieden lir-rappreżentattivi Rumeni għal-laqgħat ta' esperti u kumitati stabbiliti taħt il-liġi Komunitarja msemmija fl-Annessi hi mehmuża ma' l-Att Finali, li tagħmilha ċara li dan mhux se jirrikjedi xi sehem fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Komunità. Fil-paragrafi li jmiss saret valutazzjoni tal-PEKA.

I.1.1 Il-Ftehim Qafas

Hawn taħt tinsab valutazzjoni ta' kull artikolu:

Il-Preambolu. Dan jistabbilixxi l-mira bażika tal-PEKA li hu li, peress li l-applikazzjoni għas-sħubija ma' l-Unjoni Ewropea tinvolvi l-implimentazzjoni ta' l-*acquis communautaire* mill-pajjiż applikant, tipprovdi l-opportunità li testendi ċerti benefiċċji tas-Suq Uniku f'ċerti setturi diġà armonizzati minn qabel.

Artikolu 1 Għan Dan l-Artikolu li jistabbilixxi l-għan tal-PEKA, b'mod partikolari t-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għan-negozju b'ħarsien għall-prodotti industrijali. Il-PEKA tipprovdi żewġ mekkaniżmi a) għall-approvazzjoni reċiproka tal-prodotti industrijali li jissodisfaw il-ħtiġijiet sabiex jitqiegħdu legalment fuq is-suq f'waħda mill-Partijiet, u b) l-għarfien reċiproku tar-riżultati tal-Valutazzjoni tal-Konformità tal-prodotti industrijali suġġetti għal-liġi Komunitarja u għal-liġi nazzjonali ekwivalenti.

Artikolu 2 Definizzjonijiet Dan m'għandux bżonn ta' spjegazzjoni. Definizzjonijiet ta' prodotti industrijali, il-liġi nazzjonali u Komunitarja ġiet inkluża. Il-partijiet kollha tal-leġiżlazzjoni u tal-miżuri ta' implimentazzjoni (dispożizzjonijiet amministrattivi, linji ta' gwida u mezzi oħra ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni) huma koperti mid-definizzjonijiet tal-liġi Komunitarja u dik nazzjonali.

Artikolu 3 Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Dan fih impenn għar-Rumanija biex tieħu l-miżuri xierqa sabiex iżżomm jew ittemm it-teħid f'idejhom tal-liġi Komunitarja, b'mod partikolari fil-qasam tal-leġiżlazzjoni teknika u għall-għan tal-PEKA. Flimkien mar-raba' reċitazzjoni, tfisser li l-allinjament hu proċess li qiegħed jitwettaq u l-Partijiet jaqblu li jsibu tarf ta' kwalunkwe problema ta' transpożizzjoni li tista' tinqala aktar tard.

Artikolu 4 Approvazzjoni reċiproka tal-prodotti industrijali Il-prinċipju skond l-Artikolu 1.1) hu dettaljat f'dan l-Artikolu. Jipprevedi li l-elenkar tal-prodotti industrijali f'tali annessi jikkonferma li dawn il-prodotti jistgħu jiċċirkolaw b'mod ħieles bejn il-Partijiet. Kif diġà ġie ddikjarat, l-ebda anness għadu ma ġie negozjat.

Artikolu 5 Għarfien reċiproku tar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Din id-dispożizzjoni testendi l-prinċipji skond l-Artikolu 1.2). Dan it-tip ta' għarfien jixbah dak fil-Ftehimiet ta' l-Għarfien Reċiproku, bl-ispeċifikazzjoni speċjali li l-leġiżlazzjoni u l-istandards kollha huma allinjati. L-anness settorjali fih ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni Komunitarja u nazzjonali relevanti.

Artikolu 6 Klawżola ta' salvagwardja Dan jistabbilixxi d-dritt ta' kull Partit li jirrifjuta l-aċċess għas-suq meta tali Partit ikun jista' juri li prodott jista' joħloq periklu għat-tħassib leġittimu li hu mħares mil-leġiżlazzjoni mniżżla fl-annessi (b'mod partikolari s-sigurtà u/jew is-saħħa pubblika ta' l-utenti jew persuni oħra). L-annessi jipprovdu li l-proċeduri dettaljati jintużaw għal tali każijiet.

Artikolu 7 Tkabbir tal-kopertura. Il-Partijiet jistgħu jimmodifikaw l-ambitu u l-kopertura ta' dan il-Protokoll permezz ta' emenda ta' l-annessi jew biż-żieda ta' annessi ġodda malli l-kondizzjonijiet kollha ta' allinjamenti jintlaħqu.

Artikolu 8 Oriġini Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll japplikaw għall-prodotti industrijali tkun xi tkun l-oriġini tagħhom.

Artikolu 9 Obbligazzjonijiet tal-Partijiet rigward l-awtoritajiet u l-entitajiet tagħhom. Dan l-Artikolu jobbliga l-Partijiet sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet rispettivi tagħhom jikkontrollaw kontinwament il-ħila teknika u l-konformità ma' l-entitajiet innotifikati u jkollhom is-setgħa u l-perizja meħtieġa biex jaħtru, jissospendu u jirtiraw l-entitajiet tagħhom. Barra minn hekk, jobbliga lill-Partijiet sabiex jiżguraw li l-entitajiet innotifikati rispettivi tagħhom jikkonformaw kontinwament mal-ħtiġijiet tal-liġi Komunitarja jew dik nazzjonali u jżommu l-ħila teknika tagħhom biex iwettqu l-ħidmiet li ġew mgħarrfa bihom.

Artikolu 10 Entitajiet notifikati Dan jiddeskrivi l-proċedura għan-notifika ta' l-entitajiet biex jevalwaw l-konformità għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħtiġijiet legali speċifikati fl-annessi korrispondenti. Il-proċedura hi ssimplifikata u tixbah lil dik applikata fi ħdan il-Komunità. It-tieni paragrafu jistabbilixxi l-proċedura għat-tneħħija ta' l-entitajiet innotifikati.

Artikolu 11 Verifika ta' l-entitajiet innotifikati. Dan l-Artikolu jagħti l-jedd lil wieħed mill-Partijiet sabiex jitlob verifika ta' entità nnotifikata mill-Partit l-ieħor. Il-verifika tista' ssir jew mill-awtoritajiet li ħatru l-entità jew flimkien mill-awtoritajiet taż-żewġ Partijiet. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar passi xierqa li għandhom jittieħdu, jistgħu jgħarrfu lill-President tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni bid-disapprovazzjoni tagħhom, u jħalluha f'idejn il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni sabiex jiddeċiedi dwar azzjoni xierqa. L-entità nnotifikata mbagħad tkun sospiża min-notifika tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni finali.

Artikolu 12 Skambju tat-tagħrif Dispożizzjoni ta' trasparenza biex tiġi żugrata applikazzjoni u interpretazzjoni korretta u uniformi tal-Protokoll. Il-Partijiet huma rrakkomandati jinkoraġixxu l-entitajiet tagħhom sabiex jikkooperaw ħalli jistabbilixxu ftehimiet ta' għarfien reċiproku fl-isfera volontarja.

Artikolu 13 Kunfidenzjalità Dispożizzjoni klassika biex tevita l-kxif ta' tagħrif miksub skond dan il-Protokoll.

Artikolu 14 Tmexxija tal-Protokoll Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni ser ikun responsabbli mit-tħaddim effettiv tiegħu u jista' jiddelega l-ħidmiet tiegħu skond l-Artikoli relevanti tal-Ftehim ta' l-Ewropa.

Artikolu 15 Kooperazzjoni u għajnuna teknika Dan jikkonferma l-politika Komunitarja dwar il-kooperazzjoni u l-għajnuna teknika maħsuba biex timplimenta dan il-Protokoll kif xieraq.

Artikolu 16 Ftehimiet ma' pajjizi oħra. Dan jikkonferma li, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-PEKA ma tinvolvix obbligi, għal Parti waħda, biex taċċetta verifiki ta' konformità mwettqa f'pajjiż ieħor, anke jekk ikun hemm ftehim dwar l-għarfien ta' verifika ta' konformità bejn il-Parti l-oħra u kwalunkwe pajjiż terz ieħor.

Artikolu 17 Id-dħul fis-seħħ. Din hi dispożizzjoni standard li tipprevedi l-ftehim għad-dħul fis-seħħ.

Artikolu 18 Stat tal-Protokoll Dan jistabbilixxi l-fatt li l-PEKA tifforma parti integrali mill-Ftehim ta' l- Ewropa.

I.1.2 L-Anness tal-Protokoll

I.1.2.1 Annessi dwar l-Għarfien Reċiproku tar-Riżultati tal-Valutazzjoni tal-Konformità

Issegwi valutazzjoni tal-kontenut ta' l-annessi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kopertura tagħhom, u implikazzjonijiet oħra fejn relevanti. B'din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni żammet f'moħħha dawn l-elementi:

a) il-konsistenza globali ma' l-għanijiet tal-politika Komunitarja fil-qasam ta' l-istandardizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-Valutazzjoni tal-Konformità għas-setturi u l-prodotti industrijali koperti;

b) il-konsistenza globali ma' l-għanijiet tal-politika Komunitarja fil-qasam tat-tneħħija ta' l-ostakoli tekniki għall-kummerċ;

Il-valutazzjoni settorjali hi segwita bil-punt I.2 bi stima globali tal-benefiċċji tal-Protokoll.

Anness dwar Tagħmir ta' Pressjoni.

L-Annessi dwar l-għarfien reċiproku ta' riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità jkopru firxa ta' prodotti industrijali suġġetti għall-valutazzjoni tal-konformità tal-parti terza skond id-Direttivi l-ġodda dwar l-Approċċ fis-setturi relevanti. Dawn l-annessi kollha jippreżentaw l-istess struttura.

Il-kopertura hija ddeterminata mill-liġi Komunitarja jew nazzjonali relevanti skond it-*Taqsima I* ta' l-Anness. It-*Taqsima II*, dwar l-awtoritajiet ta' notifika, tniżżel l-awtoritajiet reponsabbli għall-ħatra ta' l-entitajiet fl-Istati Membri u r-Rumanija. It-*Taqsima III*, dwar l-awtoritajiet ta' notifika, tirreferi għan-notifika ta' l-Entitajiet ta' Valutazzjoni tal-Konformità mgħarrfa mill-Istati Membri u r-Rumanija. It-*Taqsima IV*, dwar l-arranġamenti speċifiċi, tistipula ż-żewġ proċeduri għall-klawżola ta' salvagwardja li għandha x'taqsam mal-prodotti industrijali u ma' l-istandards armonizzati.

I.1.2.2 Annessi dwar l-Aċċettazzjoni Reċiproka tal-Prodotti Industrijali

L-ebda anness ma ġie nnegozjat għalissa. Il-PEKA, skond il-Ftehim ta' l-Ewropa, jipprovdi madankollu l-bażi għal tali aċċettazzjoni ta' prodotti, li tixbah lil dik li taħdem fil-Komunità.

I.1.2.3 Deċiżjoni Unilaterali

Din hi mehmuża ma' l-Att Finali u hi annessa ma' din il-Komunikazzjoni.

Id-Dikjarazzjoni Komunitarja Unilaterali rigward is-sehem tar-rappreżentanti Rumeni fil-Kumitati. Permezz ta' din id-dikjarazzjoni, ir-Rumanija hi mistiedna tibgħat osservaturi għal-laqgħat tal-Kumitati stabbiliti jew imsemmija fil-leġiżlazzjoni Komunitarja inkluża fl-annessi. Din id-dikjarazzjoni timxi fuq il-prinċipji tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-"Parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati fil-programmi, l-aġenziji u l-kumitati Komunitarji"[2]

I.1.3 Relazzjonijiet mal-Pajjiżi Membri ta' l-EFTA/ŻEE

Skond it-tagħrif ġenerali u l-proċeduri ta' konsultazzjoni stabbiliti fil-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Protokoll 12 ta' dak il-Ftehim, il-Kummissjoni żammet il-Pajjiżi Membri ta' l-EFTA/ŻEE infurmati regolarment dwar il-progress tan-negozjati u għarfithom dwar ir-riżultat finali tagħhom. Il-Pajjiżi Membri ta' l-EFTA/ŻEE jinsabu fl-ewwel stadju tan-negozju ta' ftehim ta' għarfien reċiproku parallel mar-Rumanija.

I.2 STIMA GLOBALI

Il-Kummissjoni tqis li l-PEKA propost joħloq bilanċ aċċetabbli ta' benefiċċji għall-partijiet kollha fil-qafas ta' qabel l-adeżjoni. Fis-setturi kollha l-Komunità żgurat l-aċċess tas-suq effettiv sigur - għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess tal-proċeduri mandatorji kollha tal-parti l-oħra. Il-PEKA kkonfermat li r-Rumanija ħadet f'idejha l-leġiżlazzjoni Komunitarja f'ċerti setturi qabel l-adeżjoni tagħha. Kemm il-benefiċċji politiki kif ukoll dawk kummerċjali huma miksuba permezz tal-PEKA.

Il-Protokoll se jippermetti lill-esportaturi Komunitarji, jekk jagħżlu hekk, li jeżaminaw u jiċċertifikaw il-prodotti industrijali għall-istess rekwiżiti (alinjati) qabel l-esportazzjoni, u mbagħad ikollhom aċċess għal dak is-suq mingħajr l-ebda rekwiżiti oħra ta' valutazzjoni tal-konformità. Il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni jistgħu jsiru darba biss għaż-żewġ swieq u fuq il-bażi ta' l-istess ħtiġijiet jew standards alinjati. L-għarfien ta' ċertifikazzjoni se jippermetti t-tfaddil u l-istimolu ta' l-esportazzjonijiet. Federazzjonijiet Ewropej ta' l-industrija ġew ikkonsultati u appoġġjaw il-Protokoll mingħajr tlaqliq.

Il-Kummissjoni ma kinitx kapaċi tikkalkula l-ispejjeż jew il-ħin meħud sabiex tinkiseb il-valutazzjoni ta' Konformità tal-prodotti industrijali fir-Rumanija. L-ammont preċiż tat-tfaddil f'terminu ta' żmien, spejjeż u opportunità tas-suq ta' dan il-Protokoll għalhekk mhux possibbli li jiġi ddeterminat f'kull każ. Madankollu, fuq il-bażi ta' kalkolu fuq fuq, ġie stimat [3] li dan il-Protokoll għandu joħloq opportunitajiet ta' tfaddil ta' l-ispejjeż ta' madwar €8 miljun kull sena għall-industrija ta' esportazzjoni Ewropea u għall-esportaturi Rumeni fil-KE. Xi ftit minn dan it-tfaddil se jingħadda lill-importaturi u lill-konsumaturi Ewropej.

Tabilħaqq, bosta mill-benefiċċji ma jistgħux ikunu kwatifikati b'mod ċar, bħall-ħin imnaqqas għall-aċċess tas-swieq, tbassir aħjar, inqas protezzjoni u armonizzazzjoni tas-sistemi. Iżda jista' jiġi vverifikat li kwalunkwe ftehim jipprovdi livelli reċiproki ta' aċċess għas-suq, għal dak li għandu x'jaqsam mal-verifika tal-konformità.

---

[2] Il-Punt 4.2.b. COM(1999)710 finali, 20.12.1999.

[3] Fuq l-ipoteżi li ċ-ċertifikazzjoni u spejjeż relatati oħra jammontaw għal medja ta' 1.5% tal-kummerċ.

Rigward il-benefiċċji għar-Rumanija, il-PEKA se jħaffef l-aċċess għas-suq Komunitarju u se jagħti krettu politiku talli alinjat il-leġiżlazzjoni tagħha. Ir-Rumanija tħares lejn il-PEKA bħala mezz biex tiżviluppa relazzjonijiet industrijali eqreb ma' l-UE u sabiex tintegra bis-sħiħ ċerti setturi mas-Suq Waħdieni qabel l-adeżjoni.

I.3 IMPATT FINANZJARJU

Din il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji. L-attivitajiet ta' manutenzjoni tal-Protokoll huma mistennija jkunu minimi, u diġà huma koperti mill-finanzjament diġà stabbiliet għall-manutezjoni tal-Ftehim Ewropew li dan hu Protokoll għalih.

I.4 IMPATT FUQ IL-KUMPANIJI

Il-kumpaniji ta' esportazzjoni, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, il-kmamar tal- kummerċ u l-istituzzjonijiet pubbliċi ta' l-Unjoni Ewropea u l-konsumatur ġenerali se jibbenefikaw, jew ikollhom interess fil-, aċċettazzjoni reċiproka tal-prodotti industrijali u għarfien tar-riżultati taċ-ċertifikazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità.

L-għanijiet speċifiċi tal-PEKA huma li tiġi evitata ċ-ċertifikazzjoni doppja mill-operaturi ekonomiċi. Il-PEKA se jippromwovi l-esportazzjonijiet, l-impjieg, il-kompetittività u l-investiment, u se jnaqqas l-ispejjeż, b'mod partikolari għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju u fl-aħħar nett għall-konsumatur, billi jestendi ċerti benefiċċji tas-Suq Intern għar-Rumanija, u billi jiżgura t-tħaddim effettiv tas-Suq Intern fir-Rumanija fis-setturi li dan ikopri, qabel l-adeżjoni Rumena.

II. L-ABBOZZ TAD-DEĊIŻJONIJIET TAL-KUNSILL

Proposta għal żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill hi mehmuża. It-tnejn jixbhu l-proposti tal-Kummissjoni għad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar il-firma f'isem il-Komunità u l-konklużjoni tal-PEKAs mal-pajjiżi li qabel kienu fil-proċess ta' l-adeżjoni.

L-ewwel waħda għandha x'taqsam mal-firma tal-Protokoll. Il-firma tintħieġ mir-Rumanija għall-adozzjoni ta' dan il-Protokoll. Ġie propost kif xieraq li, suġġett għal konklużjoni f'data futura, il-President tal-Kunsill jkun awtorizzat li jaħtar il-persuna li għandha s-setgħa tiffirma, f'isem il-Komunità, il-Protokoll fuq il-bażi ta' l-Artikoli 133 u 300 tat-Trattat.

Il-proposta għat-tieni deċiżjoni għandha x'taqsam ma' l-adozzjoni tal-PEKA. F'dan il-kuntest, il-Kunsill għandu, skond id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-PEKAs u l-ftehimiet ta' għarfien reċiporku, jistabbilixxi l-proċedura Komunitarja xierqa għall-implimentazzjoni u t-tmexxija tal-Protokoll.

B'mod partikolari, il-Kunsill għandu jagħti lill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, is-setgħat meħtieġa għat-tmexxija u l-implimentazzjoni tal-Protokoll. Barra minn hekk, il-Kunsill għandu jiddelega lill-Kummissjoni, li taġixxi f'konsultazzjoni mal-Kumitat speċjali, is-setgħat meħtieġa sabiex tiddetermina f'ċerti każijiet il-pożizzjoni tal-Komunità rigward dan il-Protokoll fil-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni, jew fejn applikabbli l-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni. Id-delegazzjoni tas-setgħat lill-Kummissjoni tinkludi d-delegazzjoni tas-setgħa li żżid Annessi ġodda, peress, kif indikat fil-Preambolu, is-sħubija fl-Unjoni Ewropea, li r-Rumanija applikat għaliha, timplika l-implimentazzjoni effettiva ta' l-*acquis* Komunitarju kollu.

Fil-każijiet l-oħra kollha, il-pożizzjoni tal-Komunità rigward il-Protokoll se tiġi ddeterminata mill-Kunsill, li jaġixxi permezz tal-maġġoranza kkwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jadotta d-deċiżjonijiet mehmuża dwar il-firma u l-konklużjoni tal-PEKA.

2006/0137(ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-firma f'isem il-Komunità ta' Protokoll supplimentari għall-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [4],

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewropa li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Rumanija min-naħa l-oħra[5], daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1995.

(2) L-Artikolu 75 tal-Ftehim Ewropa jistipula li l-kooperazzjoni fl-oqsma ta' l-istandardizzazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità se tipprova tikseb il-konklużjoni tal-ftehimiet dwar l-għarfien reċiproku.

(3) Il-Protokoll tal-Ftehim Ewropa dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali ġie nnegozjat mill-Kummissjoni f'isem il-Komunità.

(4) Suġġett għal konklużjoni f'data futura, il-Protokoll tal-Ftehim ta' l-Ewropa dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali li nbeda fi Brussell fit-18 ta' April 2006 għandu jiġi ffirmat.

[4] ĠU C …, …, p. … .
[5] ĠU L 357, 31.12.1994, p. 2.

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu Uniku

Suġġett għal konklużjoni f'data futura, il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jaħtar il-persuna li għandha s-setgħa tiffirma, f'isem il-Komunità, il-Protokoll tal-Ftehim ta' l-Ewropa mar-Rumanija dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti IndustrIjali.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

2006/0138(ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll supplimentari għall-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali- PEKA -

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sottoparagafu ta' l-Artikolu 300(2) u ta' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [6],

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Rumanija min-naħa l-oħra[7], daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1995.

(2) L-Artikolu 75(2) tal-Ftehim ta' l-Ewropa jistipula li l-kooperazzjoni fl-oqsma ta' l-istandardizzazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità se tipprova tikseb il-konklużjoni tal-ftehimiet dwar l-għarfien reċiproku.

(3) L-Artikolu 110 tal-Ftehim ta' l-Ewropa jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddelega kwalunkwe mis-setgħat tiegħu lill-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni.

(4) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 94/907/KE, il-KEFA, l-Euratom tal-Kunsill u l-Kummissjoni tal-19 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' l-Ewropa bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra [8] jistipula l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Komunità u l-preżentazzjoni tal-pożizzjoni tal-Komunità fil-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni u fil-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni.

---

6 ĠU C …, …, p. … .
7 ĠU L 357, 31.12.1994, p. 2.
8 ĠU L 357, 31.12.1994, p. 1.

(5) L-abbozz tal-Protokoll tal-Ftehim ta' l-Ewropa dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali, ġie ffirmat fi Brussell fil-[…], f'isem il-Komunità u għandu jiġi approvat.

(6) Il-proċeduri interni xierqa għandhom jiġu stabbiliti biex jiżguraw it-tħaddim xieraq tal-Protokoll.

(7) Jeħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tagħmel ċerti emendi tekniċi lil dan il-Protokoll u li tieħu ċerti deċiżjonijiet għall-implimentazzjoni tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll tal-Ftehim ta' l-Ewropa mar-Rumanija dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (mil-lum 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") kif ukoll id-dikjarazzjoni annessa ma' l-Att Finali tiegħi, ġie hawnhekk approvat f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Protokoll, u tad-dikjarazzjoni anness ma' l-Att Finali tiegħu, hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità, jagħti n-nota diplomatika stipulata fl-Artikolu 17 tal-Protokoll [9].

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, għandha:

a) ddaħħal fis-seħħ l-avviżi, ir-ringrazzjamenti, is-sospensjonijiet u l-irtirar ta' l-entitajiet, u n-nomini ta' tim konġunt jew timijiet ta' esperti, skond l-Artikoli 10, 11 u 14, inċiż c) tal-Protokoll;

b) torganizza l-konsultazzjonijiet, l-iskambju ta' tagħrif, it-talbiet għal verifiki u għas-sehem fil-verifiki, skond l-Artikoli 3, 12 u 14, inċiżi d) u e), u t-Taqsimiet III u IV ta' l-Annessi tal-Protokoll.

(c) jekk meħtieġ, tweġiba għat-talbiet skond l-Artikolu 11, it-Taqsimiet III u IV ta' l-Annessi tal-Protokoll.

[9] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll trid tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

2. Wara konsultazzjoni tal-Kumitat speċjali msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni se tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni u, fejn applikabbli, fil-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni, għal dak li għandu x'jaqsam ma':

a) l-emendi ta' l-Annessi skond l-Artikolu 14, il-punt (a) tal-Protokoll;

b) żieda ta' Annessi ġodda skond l-Artikolu 14, il-punt (b) tal-Protokoll;

(c) kwalunkwe deċiżjonijiet rigward in-nuqqasijiet ta' ftehim tar-riżultati tal-verifiki u s-sospensjonijiet, parzjalment jew bis-sħiħ, ta' kwalunkwe entità notifikata skond it-tieni u t-tielet sottoparagrafu ta' l-Artikolu 11 tal-Protokoll.

(d) kwalunkwe miżuri meħuda skond il-klawżoli ta' salvagwardja fit-Taqsima IV ta' l-Annessi tal-Protokoll;

(e) kwalunkwe miżuri li jikkonċernaw il-verifika, is-sospensjoni, jew l-irtirar tal-prodotti industrijali b'approvazzjoni reċiproka skond l-Artikolu 4 tal-Protokoll.

3. Fil-każijiet l-oħra kollha l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni u fejn applikabbli, fil-Kumitati ta' l-Assoċjazzjoni, rigward dan il-Protokoll għandhom ikunu ddeterminati mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ABBOZZ

PROTOKOLL

GĦALL-FTEHIM EWROPEW LI JISTABBILIXXI ASSOĊJAZZJONI BEJN IL-KOMUNITAJIET EWROPEJU L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MINN NAĦA,U R-RUMANIJA, MIN-NAĦA L-OĦRA,DWAR L-ISTIMA TA' KONFORMITÀ U AĊĊETTAZZJONI TAL-PRODOTTI INDUSTRIJALI (PECA)

IL-KOMUNITÀ EWROPEA U R-RUMANIJA,

minn issa l-quddiem imsejjħa bħala "l-Partijiet",

BILLI r-Rumanija applikat għal sħubija fl-Unjoni Ewropea u din is-sħubija timplika l-implimentazzjoni effettiva ta' l-*acquis* tal-Komunità Ewropea,

JAGĦRFU li l-adozzjoni progressiva u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Komunità mir-Rumanija tipprovdi l-opportunità li testendi ċerti benefiċċji tas-suq intern u li tiżgura l-operazzjoni effettiva f'ċerti setturi qabel l-adeżjoni,

JIKKUNSIDRAW li, fis-setturi koperti minn dan il-Protokoll, il-liġi nazzjonali Rumena sostanzjalment terbaħ fuq il-liġi tal-Komunità,

JIKKUNSIDRAW l-impenn konġunt tagħhom għall-prinċipji tal-moviment ħieles tal-merkanzija u li jippromwovu l-kwalità tal-prodott, sabiex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħhom u l-protezzjoni ta' l-ambjent, inkluż permezz ta' għajnuna teknika u forom oħra ta' kooperazzjon bejniethom,

JIXTIEQU jikkonkludu Protokoll għall-Ftehim Ewropew dwar l-istima tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (minn hawn 'il quddiem "dan il-Protokoll") li jipprevedi l-applikazzjoni ta' l-aċċettazzjoni reċiproka tal-prodotti industrijali li jwettqu l-ħtiġijiet talli tpoġġew legalment fis-suq f'wieħed mill-Partijiet u tar-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati ta' l-istima ta' konformità tal-prodotti industrijali li huma suġġetti għal-liġi tal-Komunità jew nazzjonali, jinnutaw li l-Artikolu 75 tal-Ftehim Ewropew jipprevedi, fejn xieraq, konklużjoni ta' ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku,

JINNUTAW ir-relazzjonijiet mill-qrib bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja permezz tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li jagħmluha xierqa li titqies il-konklużjoni tal-Ftehimiet paralleli Ewropej ta' Stima ta' Konformità bejn ir-Rumanija u dawk il-pajjiżi ekwivalenti għal dan il-Protokoll,

IŻOMMU F'MOĦĦHOM l-istatus tal-Partijiet bħal Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u konxji b'mod partikolari ta' l-obbligi tagħhom taħt il-Ftehim ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar Barrieri Tekniċi għall-Kummerċ,

QABLU DWAR DAN LI ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Għan

L-għan ta’ dan il-Protokoll huwa li jiffaċilita l-eliminazzjoni mill-Partijiet ta’ barrieri tekniċi għal kummerċ fir-rigward ta’ prodotti industrijali. Dan se jintlaħaq permezz ta’ l-adozzjoni progressiva u l-implimentazzjoni mir-Rumanija ta’ liġi nazzjonali, li hija ekwivalenti għal-liġi tal-Komunità.

Dan il-Protokoll jipprevedi:

(a) l-aċċettazzjoni reċiproka ta' prodotti industrijali, imniżżla fl-Annessi dwar aċċettazzjoni reċiproka ta’ prodotti industrijali, li jwettqu l-ħtiġijiet talli jinsabu b'mod legali fis-suq f'wieħed mill-Partijiet;

(b) ir-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati ta’ stima ta’ konformità ta’ prodotti industrijali soġġetti għal-liġi tal-Komunità u għal-liġi nazzjonali ekwivalenti Rumena, it-tnejn imniżżla fl-Annessi dwar rikonoxximent reċiproku tar-riżultati ta’ stima ta’ konformità.

ARTIKOLU 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll,

(a) “prodotti industrijali” tfisser prodotti kif speċifikati fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta’ l-Ewropa u fil-Protokoll 2 tiegħu;

(b) “Liġi tal-Komunità” tfisser kull att legali u l-prassi ta’ implimentazzjoni tal-Komunità Ewropea applikabbli għal sitwazzjoni partikolari, riskju jew kategorija ta’ prodotti industrijali, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej;

(c) “liġi nazzjonali” tfisser kull att legali u l-prassi ta’ implimentazzjoni li bihom ir-Rumanija terbaħ fuq il-liġi tal-Komunità kif applikabbli għal sitwazzjoni partikolari, riskju jew kategorija ta’ prodotti industrijali.

It-termini użati f’dan il-Protokoll għandu jkollhom it-tifsira mogħtija fil-liġi tal-Komunità u l-liġi nazzjonali Rumena.

ARTIKOLU 3

Allinjament tal-leġiżlazzjoni

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, ir-Rumanija taqbel li tieħu miżuri xierqa, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, biex iżżomm jew tlesti il-passaġġ għal-liġi tal-Komunità, b'mod partikolari fl-oqsma ta' standardizzazzjoni, metroloġija, akkreditazzjoni, stima ta' konformità, sorveljanza tas-suq, sigurtà ġenerali tal-prodotti, u responsabilità tal-produttur.

ARTIKOLU 4

Aċċettazzjoni Reċiproka tal-Prodotti Industrijali

Il-Partijiet jaqblu li, għall-finijiet ta' l-aċċettazzjoni reċiproka, il-prodotti industrijali mniżżla fl-Annessi dwar aċċettazzjoni reċiproka ta' prodotti industrijali, li jwettqu l-ħtiġijiet talli jinsabu b'mod legali fis-suq ta' wieħed mill-Partijiet, jista' jitpoġġa fis-suq ta' Parti oħra, mingħajr aktar restrizzjonijiet. Dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36 tal-Ftehim ta' l-Ewropa.

ARTIKOLU 5

Rikonoxximent reċiproku tar-riżultatita' proċeduri ta' stima ta' konformità

Il-Partijiet jaqblu li jirrikonoxxu r-riżultati tal-proċeduri ta' stima ta' konformità mwettqa skond il-liġi tal-Komunità jew il-liġi nazzjonali mniżżla fl-Annessi dwar rikonoxximent reċiproku tar-riżultati ta' stima ta' konformità. Il-Partijiet m'għandhomx bżonn li l-proċeduri jiġu ripetuti, u lanqas m'għandhom bżonn jimponu ħtiġijiet addizzjonali, għall-fini li dik il-konformità tiġi aċċettata.

ARTIKOLU 6

Klawżola ta' salvagwardja

Fejn Parti ssib li prodott industrijali mqiegħed fis-suq fit-territorju tagħha bis-saħħa ta' dan il-Protokoll, u użat skond l-użu li kien maħsub għalih, jista' jikkompromett s-sigurtà u s-saħħa ta' l-utenti jew ta' persuni oħra, jew kull tħassib leġittimu ieħor imħares mil-leġiżlazzjoni identifikat fl-Annessi, hija tista' tieħu miżuri xierqa biex tirtira tali prodott mis-suq, biex tipprojbixxi t-tqegħid tiegħu fis-suq, li jibda jitħaddem jew li jintuża, jew biex tirrestringilu l-moviment ħieles. L-Annessi għandhom jipprevedu li l-proċedura tiġi applikata f'tali każijiet.

ARTIKOLU 7

Estensjoni tal-kopertura

Hekk kif ir-Rumanija tadotta u timplimenta aktar liġi nazzjonali li tieħu l-post tal-liġi tal-Komunità, il-Partijiet jistgħu jemendaw l-Annessi jew jikkonkludu oħrajn ġodda, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 14.

ARTIKOLU 8

Oriġini

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom japplikaw għal prodotti industrijali irrispettivament mill-oriġini tagħhom.

ARTIKOLU 9

L-obbligi tal-Partijiet rigward l-awtoritajiet u l-korpi tagħhom

Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom li huma responsabbli għall-implimentazzjoni effettiva tal-liġi Komunitarja u dik nazzjonali, għandhom japplikaw din il-liġi kontinwament. Barra minn hekk, għandhom jiżguraw li dawn l-awtoritajiet ikollhom il-kapaċità, fejn xieraq, li jinnotifikaw, jissospendu, ineħħu s-sospensjoni u jirtiraw in-notifika tal-korpi, biex jiżguraw il-konformità tal-prodotti industrijali mal-liġi Komunitarja jew nazzjonali u biex jiksbu l-irtirar tagħhom mis-suq.

Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-korpi, innotifikati taħt il-ġuriżdizzjoni rispettiva tagħhom biex jevalwaw il-konformità f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja jew nazzjonali speċifikata fl-Annessi, jikkonformaw kontinwament mar-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja jew ta' dik nazzjonali. Barra minn hekk, għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-korpi jżommu l-kompetenza meħtieġa biex iwettqu l-ħidmiet innotifikati bihom.

ARTIKOLU 10

Korpi mgħarrfa

Għall-bidu, il-korpi nnotifikati għall-finijiet ta' dan il-Protokoll għandhom ikunu dawk inklużi fil-listi li fihom ir-Rumanija u l-Komunità skambjaw qabel it-tmiem tal-proċeduri għad-dħul fis-seħħ

Wara l-proċedura segwenti għandha tapplika għan-notifika tal-korpi biex janalizzaw konformità fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-Komunità jew liġi nazzjonali speċifikata fl-Annessi:

(a) Parti għandha tressaq in-notifika tagħha lill-Parti l-oħra bil-miktub;

(b) dwar l-għarfien tal-Parti l-oħra, mogħtija bil-miktub, il-korp se jitqies bħala nnotifikat u kompetenti biex janalizza l-konformità fir-rigward tal-ħtiġijiet imsemmija speċifikati fl-Anness minn dik id-data;

Jekk Parti tiddeċiedi li tirtira n-notifika ta' korp taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha, għandha tinforma lill-Parti l-oħra bil-miktub. Il-korp jieqaf janalizza l-konformità fir-rigward tal-ħtiġijiet imsemmija speċifikati fl-Annessi mid-data ta' l-irtirar l-aktar kmieni. Madankollu, valutazzjonijiet ta' konformità mwettqa qabel dik id-data għandhom jibqgħu validi, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni.

ARTIKOLU 11

Il-verifika tal-korpi nnotifikati

Kull Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra li tivverifika l-kompetenza teknika u l-konformità ta' korp innotifikat taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha. Tali talba għandha tkun iġġustifikata sabiex tħalli l-Parti responsabbli għan-notifika biex twettaq il-verifika mitluba u tirrapporta minnufih lill-Parti l-oħra. Il-Partijiet jistgħu wkoll flimkien jeżaminaw il-korp, bil-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet rilevanti. Għal dan il-għan, il-Partijiet għandhom jiżguraw il-kooperazzjoni sħiħa tal-korpi taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa, u jagħmlu użu mill-mezzi kollha disponibbli meħtieġa, bil-ħsieb li jsolvu kwalunkwe problemi li jinstabu.

Jekk il-problemi ma jistgħux jissolvew għas-sodisfazzjon taż-żewġ Partijiet, jistgħu jinnotifikaw lill-President tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni bin-nuqqas ta' qbil tagħhom u jagħtu r-raġunijiet tagħhom. Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi dwar l-azzjoni xierqa.

Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni, in-notifika tal-korpi u l-għarfien tal-kompetenzi għal valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' ħtiġijiet tal-Komunità jew liġi nazzjonali speċifikata fl-Annessi għandha tkun sospiża parzjalment jew totalment mid-data li fiha n-nuqqas ta' qbil tal-Partijiet ġie nnotifikat lill-President tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni.

ARTIKOLU 12

L-Iskambju tat-tagħrif u l-kooperazzjoni

Biex jiżguraw applikazzjoni u interpretazzjoni retta u uniformi ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet, l-awtoritajiet tagħhom u l-korpi nnotifikati tagħhom għandhom:

(a) jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-implimentazzjoni tal-liġi u l-prattika inkluża, b'mod partikolari, dwar proċedura biex tiżgura konformità mal-korpi nnotifikati;

(b) jieħdu sehem, kif xieraq, fil-mekkaniżmi rilevanti tat-tagħrif, fil-koordinazzjoni u fl-attivitajiet oħra relatati tal-Partijiet;

(c) jinkoraġġixxu l-korpi biex jikkooperaw ma' l-idea li jistabbilixxu ftehimiet ta' għarfien reċiproku fi sfera volontarja.

ARTIKOLU 13

Kunfidenzjalità

Rappreżentanti, esperti u aġenti oħra tal-Partijiet għandhom jinħtieġu, anke wara li jkunu temmew id-doveri tagħhom, li ma jiżvelawx tagħrif miksub skond dan il-Protokoll li huwa tat-tip kopert mill-obbligu tas-sigriet professjonali. Dan it-tagħrif ma jistax jintuża għal finijiet għajr għal dawk previsti minn dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 14

Amministrazzjoni tal-Protokoll

Ir-responsabilità għall-ħidma effettiva ta' dan il-Protokoll għandha tingarr mill-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni skond l-Artikolu 106 tal-Ftehim ta' l-Ewropa. B'mod partikolari għandu jkollha s-setgħa li tieħu deċiżjonijiet rigward:

(a) li jiġu emendati l-Annessi;

(b) li jiġu miżjuda l-Annessi;

(c) li jinħatar tim konġunt jew tim ta' esperti biex jivverifika l-kompetenza teknika ta' korp innotifikat u l-konformità tiegħu mal-ħtiġijiet;

(d) informazzjoni skambjata dwar emendi proposti jew attwali lill-Komunità u l-liġi nazzjonali msemmija fl-Annessi;

(e) li jitqiesu proċeduri ġodda jew addizzjonali ta' valutazzjoni ta' konformità li jaffettwaw settur kopert b'Anness;

(f) li tissolva kull domanda relatata ma' l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni jista' jiddelega r-responsabilitajiet t'hawn fuq stipulati f'dan il-Protokoll, skond l-Artikolu 110(2) tal-Ftehim ta' l-Ewropa.

ARTIKOLU 15

Għajnuna u kooperazzjoni teknika

Il-Komunità Ewropea tista' tipprovdi kooperazzjoni u għajnuna teknika lir-Rumanija fejn meħtieġ sabiex tappoġġja l-implimentazzjoni effettiva u l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll

ARTIKOLU 16

Ftehim ma' pajjiżi oħrajn

Ftehim dwar il-valutazzjoni tal-konformità konkluż minn kull waħda mill-Partijiet ma' pajjiż li mhuwiex Parti minn dan il-Protokoll m'għandux jirriżulta f'obbligu fuq dik il-Parti biex taċċetta r-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità mwettqa f'dak il-pajjiż terz, sakemm ma jkunx hemm ftehim espliċitu bejn il-Partijiet fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

ARTIKOLU 17

Id-dħul fis-seħħ

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw in-noti diplomatiċi li jikkonfermaw it-tlestija tal-proċeduri rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 18

Status tal-Protokoll

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim ta' l-Ewropa.

Dan il-Protokoll irid jitfassal b'kopja fil-lingwa Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża u Ukraina, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

Magħmula fi Brussell,

ANNESSI DWAR AĊĊETTAZZJONI REĊIPROKA TA' PRODOTTI INDUSTRIJALI

(għar-rekord)

ANNESSI DWAR AĊĊETTAZZJONI REĊIPROKA TAR-RIŻULTATI TAL-VALUTAZZJONI TA' KONFORMITÀ

Werrej

(1) Apparat ta' pressjoni

ABBOZZ
ANNESSI DWAR AĊĊETTAZZJONI REĊIPROKATAR-RIŻULTATI TAL-VALUTAZZJONI TA' KONFORMITÀ APPARAT TA' PRESSJONI

TAQSIMA 1

LIĠI NAZZJONALI U KOMUNITARJA

Il-Liġi tal-Komunità:	Id-Direttiva 97/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' apparat ta' pressjoni
Liġi nazzjonali:	Deċiżjoni tal-Gvern nru. 584/2004 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex joħorġu fis-suq l-apparat tal-pressjoni, kif emendata sussegwentement.

TAQSIMA II

L-AWTORITAJIET NAZZJONALI

Il-Komunità Ewropea

Il-Belġju:	Ministère des Affaires Economiques/Ministerie van Economische Zaken.
Ir-Repubblika Ċeka	Úřad pro technickou normalizaci, metrologii a státní zkušebnictví.
Il-Ġermanja:	Bundesministerium für Arbeit und Sozialordnung.
Il-Greċja:	Υπουργείο Ανάπτυξης. Γενική Γραμματεία Βιομηχανίας (Ministeru ta' l-Iżvilupp. Segretarjat Ġenerali ta' l-Industrija).
L-Estonja:	Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium
Franza:	Ministère de l'emploi et de la solidarité, Direction des relations du travail, Bureau CT 5.
L-Irlanda	Department of Enterprise, Trade and Employment
L-Italja:	Ministero dell'Industria, del Commercio e dell'Artigianato.
Il-Latvja:	Ekonomikas ministrija.
Malta:	Taħt l-awtorità tal-Gvern Malti: Direttorat ta' l-Affarijiet tal-Konsumatur u Industrijali ta' l-Awtorità Maltija ta' l-Istandards.
L-Ungerija:	Gazdasági és Közlekedési Minisztérium.
L-Awstrija:	Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit

Il-Polonja:	Ministerstwo Gospodarki, Pracy i Polityki Społecznej.
Ir-Repubblika Slovakka:	Úrad pre normalizáciu, metrológiu a skúšobníctvo Slovenskej republiky.
L-Iżvezja	Taħt l-awtorità tal-Gvern Żvediż: Styrelsen för ackreditering och teknisk kontrol (SWEDAC).
ir-Renju Unit:	Id-Dipartiment tal-Kummerċ u ta' l-Industrija.
Ir-Rumanija	Ministerul Economiei si Comertului – Ministry of Economy and Commerce.

TAQSIMA III

KORPI NNOTIFIKATI

Il-Komunità Ewropea

Korpi li ġew innotifikati mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea skond il-liġi tal-Komunità tat-Taqsima I u nnotifikati lir-Rumanija skond l-Artikolu 10 ta’ dan il-Protokoll.

Ir-Rumanija

Korpi li ġew maħtura mir-Rumanija skond il-liġi nazzjonali tar-Rumanija tat-Taqsima I u nnotifikata lil Komunità Ewropea skond l-Artikolu 10 ta’ dan il-Protokoll.

TAQSIMA IV

ARRANĠAMENTI SPEĊIFIĊI

Klawżola ta' salvagwardja

A. Klawżola ta’ salavagwardja relatata mal-prodotti industrijali:

1. Fejn Parti tieħu miżura biex tinnega aċċess ħieles lis-suq tagħha:

   għal prodotti industrijali soġġetti għal dan l-Anness li għandhom il-marka CE;

   jew,

   għal prodotti industrijali soġġetti għal dan l-Anness li huma msemmija fl-Artikolu 3 (3) jew l-Artikolu 14 tad-Direttiva 97/23/KE li jikkorrespondu għall-Artikoli 10 u l-Artikoli 17 rispettivament tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru. 584/2004, iżda li għalihom m’hemmx bżonn marka ta’ CE;

   għandha tinforma immedjatament lill-Parti l-oħra, u tindika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha u kif ġiet analizzata n-nuqqas ta' konformità.

2. Il-Partijiet għandhom iqisu din il-kwistjoni u l-evidenza li ġiet imressqa, u għandhom jirrappurtaw lil xulxin ir-riżultati ta’ l-investigazzjonijiet tagħhom.

3. Fil-każ ta’ qbil, il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li tali prodotti ma joħorġux fis-suq.

4. Fil-każ ta’ nuqqas ta’ qbil dwar ir-riżultat ta’ tali investigazzjonijiet il-kwistjoni se titressaq quddiem il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni li jista' jiddeċiedi li jwettaq perizja.

5. Fejn il-Kunsill ta’ l-Assoċjazzjoni jsib li l-miżura hija:

(a) mhux iġġustifikata, l-awtorità nazzjonali tal-Parti li ħadet il-miżura għandha tirtiraha;

(b) iġġustifikata, il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li tali prodotti ma joħorġux fis-suq.

B. Klawżola ta’ salavagwardja relatata ma’ l-istadards armonizzati:

1. Fejn ir-Rumanija tikkunsidra li standard armonizzat imsemmi fil-leġiżlazzjoni ddefinit f’dan l-Anness, ma jilħaqx il-ħtiġijiet essenzjali ta’ tali leġiżlazzjoni, se tinforma lill-Kunsill ta’ l-Assoċjazzjoni u tagħti r-raġunijiet għalxiex.

2. Il-Kunsill ta’ l-Assoċjazzjoni għandu jqis il-kwistjoni u jitlob lill-Komunità biex tipproċedi skond il-proċedura prevista fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità identifikata f’dan l-Anness.

3. Il-Komunità għandha żżomm lill-Kunsill ta’ l-Assoċjazzjoni u lill-Parti l-oħra infurmata bil-proċeduri.

4. Ir-riżultat tal-proċedura għandu jkun innotifikat lill-Parti l-oħra.

DIKJARAZZJONI MILL-KOMUNITÀ DWAR L-ATTENDENZA TAR-RAPPREŻENTANZI RUMENI FIL-LAQGĦAT TAL-KUMITAT

Sabiex ikun aċċertat ftehim aħjar ta' l-aspetti prattiċi fl-applikar ta' l-*acquis communautaire*, il-Komunità tistqarr li r-Rumanija hija mistiedna, skond il-kondizzjonijiet li ġejjin, għal-laqgħat tal-kumitati stabbiliti jew li jissemmew fil-liġi Komunitarja dwar is-sigurtà fl-elettriku, fil-kompatibilità elettromanjetika, fil-makkinarji u fl-apparat li jaħdem bil-gass.

Il-parteċipazzjoni għandha tkun limitata għal-laqgħat jew partijiet minnhom li fihom jiġi diskuss l-applikar ta' l-*acquis*; mhux ser tinvolvi attendenza għal-laqgħat li huma maħsuba biex jippreparaw u joħorġu b'opinjonijiet dwar l-implimentazzjoni jew l-immaniġġjar tal-poteri li huma delegati lill-Kummissjoni mill-Kunsill.

Din l-istedina tista' tiġi estiża, fuq bażi ta' każ b'każ, għall-gruppi ta' esperti msejħa mill-Kummissjoni.